IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

2 ta' Settembru 2016
72/2016

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' SETTEMBRU 2016**

Is-Sibt 3 ta' Settembru 2016, fis-2:30 p.m. (ħin ta' Londra), Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Vitorja, f'Westminster Cathedral, Londra, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Malta Day - UK.

Il-Tlieta 6 ta' Settembru, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi Velja ta' Talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Carmelo Zammit, Isqof-Elett ta' Ġibiltà, fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.

Il-Ħamis 8 ta' Settembru, Festa Solenni tat-Twelid tal-Verġni Marija, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof ser ikun wieħed mill-Isqfijiet konsagranti fl-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Carmelo Zammit. Iċ-ċelebrazzjoni ser titmexxa mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Vincent Nichols, fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq TVM u fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 10 ta' Settembru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa mal-membri żgħażagħ taċ-Ċentru Vokazzjonijiet, fis-Seminarju, Tal-Virtù.

Il-Ħadd 11 ta' Settembru, Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż Żabbar.

It-Tnejn 12 ta' Settembru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja tas-Samra, il-Ħamrun.

L-Erbgħa 21 ta' Settembru, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum l-Indipendenza, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta. Fis-6:30 p.m., l-Arċisqof imexxi pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa u wara jiċċelebra Quddiesa fl-istess Santwarju.

Il-Ħamis 29 ta' Settembru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel Arkanġlu, fil-Kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**